32000R1500

12.7.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 172/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1500/2000

tal-10 ta' Lulju 2000

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 dwar in-nefqa u d-dħul tal-gvern ġenerali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-Sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA-95 [1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 448/98 [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 2(2) u 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 104(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-budget.

(2) Il-għan tal-kontenut u l-format ta' programmi ta' stabbilità u konverġenza huwa li jippermetti ftehim akbar tal-mogħdijiet tal-bilanċ tal-gvern u ta' l-istrateġija ġenerali tal-*budget*, u għandu jingħata tagħrif kumplimentari dwar il-proporzjon bejn in-nefqa u d-dħul.

(3) Regoli nazzjonali ta' kontijiet, speċjalment kunċetti ESA-95, huma meqjusa bħala strumenti li jiżguraw il-komparabilità u t-trasparenza tad-*data* bejn l-Istati Membri.

(4) L-Anness A "Sistema Ewropea ta' kontijiet ESA 1995" tar-Regolament ESA-95 ma jirreferix għan-nefqa u d-dħul tal-gvern iżda jipprovdi qafas sabiex jispeċifikhom b'riferenza għall-lista tal-kategoriji fis-ESA-95.

(5) L-introduzzjoni ta' medji relatati man-nefqa u d-dħul tal-gvern ġenerali teħtieġ emendi relatati mal-programm tat-trasmissjoni ta' *data* fil-kontijiet nazzjonali.

(6) Trasmissjoni addizzjonali, ta' kull sena f'Marzu, tal-medji ewliena (*data* annwali) tal-gvern ġenerali tipprovdi tagħrif meħtieġ dwar żviluppi fl-iżbilanċ tal-gvern.

(7) Skond l-Artikolu 2(2) kif ukoll l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2223/96, għandhom jiġu adottati emendi għas-ESA-95 mill-Kummissjoni maħsuba sabiex jikkjarifikaw u jtejbu l-kontenut tiegħu u li jeħtieġu tibdil fid-*data* mitluba minn għand l-Istati Membri, skond il-proċedura pprovvduta fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(8) Il-Kumitat dwar Statistika Monetarja, Finanzjarja u l-Istatistici ta' Bilanċ ta' Pagamenti, stabbilit bid-Deċiżjoni 91/115/KEE [3], ġie kkonsultat.

(9) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom [4],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-għan ta' dan r-Regolament preżenti huwa li jipprovdi definizzjoni tan-nefqa u d-dħul ġenerali tal-gvern, li jissuplimenta klassifika ta' transazzjonijiet f' merkanzija u servizzi (P) u ta' transazzjonijiet ta' distribuzzjoni (D) u biex jemenda l-programm tat-trasmissjoni tad-*data* tal-kontijiet nazzjonali.

L-Artikolu 2

L-Anness A (Sistema Ewropea ta' Kontijiet ESA 1995) u l-Anness B (Programm ta' trasmissjoni ta' *data* fil-kontijiet nazzjonali) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal- 25 Ġunju 1996 għandhom jiġu emendati skond l-Anness tar-Regolament preżenti.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 58, tas-27.2.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19.
([4]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNESS

L-Annessi A u B tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. Fl-Anness A:

(a) Fil-Kapitolu 3, taqsima 3.23, għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Produzzjoni oħra li mhix għas-suq (P.13) tista' terġa' tinqasam f'żewġ sotto-titoli: 'Pagamenti għall-produzzjoni li mhix għas-suq' (P.131), li tikkonsisti f'diversi miżati u ħlasijiet, u 'Produzzjoni oħra li mhix għas-suq, oħra', (P.132), li tkopri l-produzzjoni li hija pprovvduta bla ħlas."

(b) Fil-Kapitolu 3, it-taqsimiet 3.79 u 3.96 għandhom jinbidlu b'li ġej:

"3.79 Nefqa finali ta' konsum (P.3) mill-gvern tinkludi żewġ kategoriji ta' nefqa, simili għal dawk minn NPISH:

(a) il-valur tal-merkanzija u s-servizzi prodotti mill-gvern ġenerali nnifsu (P.1) għajr il-formazzjoni ta' kapital ta'kont tiegħu stess (jikkorrispondi għal P.12) u bejgħ. Produzzjoni għas-suq (P.11) u pagamenti għal produzzjoni oħra li mhix għas-suq (P.131);

(b) xiri mill-gvern ġenerali ta' merkanzija jew servizzi prodotti minn produtturi għas-suq li jiġu forniti lil familji taħt saqaf wieħed, mingħajr ebda trasformazzjoni, bħala trasferimenti soċjali f'oġġetti (D.6311 + D.63121 + D.63131). Dan jimplika li l-gvern ġenerali jħallas biss għal merkanzija u servizzi illi l-bejjiegħa jipprovdu lil familji taħt saqaf wieħed."

"3.96 In-nefqa finali f'konsum (P.3) mill-gvern ġenerali jew NPISH hija ugwali għas-somma tal-produzzjoni tagħhom (P.1), flimkien man-nefqa fuq prodotti mogħtija lil familji taħt saqaf wieħed permezz ta' produtturi għas-suq, parti mit-trasferimenti soċjali f'oġġetti (D.6311 + D.63121 + D.63131), imnaqqsin minnhom il-pagamenti minn unitajiet oħra, produzzjoni għas-suq (P.11) u pagamenti għal produzzjoni oħra li mhix għas-suq (P.131), imnaqqsa minnha l-formazzjoni ta' kapital ta'kont tiegħu stess (li jikkorrespondi ma' P.12)."

(ċ) Fil-Kapitolu 4, taqsima 4 105, it-tielet indent, li għandu x'jaqsam ma' "Benefiċċji oħra ta' sigurtà soċjali mhux f'oġġetti (D. 6312)", għandha tiżdied din is-sentenza:

"Benefiċċji oħra ta' sigurtà soċjali in natura jistgħu għalhekk jerġgħu jinqasmu f'dawk li s-servizz tagħhom huwa prodott minn produtturi għas-suq u mixtri minn unitajiet tal-gvern ġenerali jew NPISH (D.63121), u dawk li s-servizz tagħhom huwa prodott minn produtturi mhux għas-suq (D.63122)."

(d) Fil-Kapitolu 4, taqsima 4 105, ir-raba' indent, li għandu x'jaqsam ma' "Benefiċċji ta' assistenza soċjali f'oġġetti (D.6313)", għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Benefiċċji ta' assistenza soċjali f'oġġetti jistgħu għalhekk jerġgħu jinqasmu f'dawk li għalihom is-servizz huwa prodott minn produtturi għas-suq u mixtri minn unitajiet tal-gvern ġenerali jew NPISH (D.63131), u dawk li s-servizz għalihom huwa prodott minn produtturi mhux għas-suq (D.63132)."

(e) Fil-Kapitolu 8, tiġi mdaħħla taqsima ġdida 8.99 (a) kif ġej::

"NEFQA U DĦUL TAL-GVERN ĠENERALI

8.99 (a) In-nefqa u d-dħul tal-gvern ġenerali huma definiti b'riferenza għall-lista tal-kategoriji fis-ESA 95.

Id-dħul tal-gvern jinkludi il-kategoriji ESA 95 li ġejjin, irrekordjati taħt il-parti tal-użu tal-kontijiet tal-gvern generali, minbarra D.3 u D.9 li hija rrekordjata taħt il-parti tar-riżorsi tal-kontijiet tal-gvern generali ([1]):

P.2	Konsum intermedjat
P.5	Formazzjoni ta' kapital gross
D.1	Kumpensazzjoni tal-impjegati
D.29	Taxxi oħra fuq il-produzzjoni
D.3	Sussidji, pagabbli
D.4	Dħul minn propjetà
D.5	Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-possessjonijiet, eċċ.
D.62	Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali in natura

D.6311 + D.63121 + D.63131	Trasferimenti soċjali in natura in konnessjoni ma' nfiq fuq prodotti forniti lid-djar bil-mezz tal-produtturi tas-suq
D.7	Trasferimenti kurrenti oħra
D.8	Aġġustament għall-bidla fl-ekwità nett tad-djar fir-riservi tal-fondi tal-pensjoni
D.9	Trasferimenti tal-kapital, pagabbli
K.2	Akkwisti mingħajr iċ-ċessjoni tal-assi li mhumiex prodotti u mhumiex finanzjarji

Id-dħul tal-gvern jinkludi il-kategoriji ESA 95 li ġejjin, irrekordjati taħt il-parti ta' riżorsi tal-kontijiet tal-gvern generali, minbarra D.39 li hija rrekordjata taħt il-parti tal-użu tal-kontijiet tal-gvern generali:

P.11	Produzzjoni għas-suq
P.12	Produzzjoni għall-użu finali tagħha
P.131	Pagamenti għall-produzzjoni l-oħra mhux tas-suq
D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjoni
D.39	Sussidji fuq il-produzzjoni, riċevibbli
D.4	Dħul minn propjeta
D.5	Taxxi kurrenti fuq dħul ġid eċċ
D.61	Kontribuzzjonijiet soċjali
D.7	Trasferimenti kurrenti oħra
D.9 ([1])	Trasferimenti ta'kapital

([1]) Aġġustamenti għat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali assessjati iżda li qatt ma nġabru, meta rrikordjati taħt D.9, huma kkunsidrati bħala dħul negattiv.

Skond id-definizzjoni, id-differenza bejn in-nefqa ġenerali u d-dħul ġenerali tal-gvern hija self nett (+)/dejn nett (–) tas-settur tal-gvern ġenerali.

It-transazzjonijiet D.41, D.7, D.92 u D.99 jiġu kkonsolidati. It-transazzjonijiet l-oħra ma jiġux ikkonsolidati."

(f) Fl-Anness IV, fi Klassifika ta' transazzjonijiet u ċaqliq ieħor – Transazzjonijiet f'merkanzija u servizzi (prodotti) (P), sotto-titolu P.1 Produzzjoni, għandhom jiżdiedu dawn l-annotazzjonijiet:

"P.131	Pagamenti ghall-produzzjoni l-ohra li mhix tas-suq
P.132	Produzzjoni ohra li mhix tas-suq,ohra"

(g) Fl-Anness IV, fi Klassifika ta' transazzjonijiet u ċaqliq ieħor – Transazzjonijiet distributtivi (D), sotto-titolu D.6 Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali, għandhom jiddaħħlu dawn in-notamenti wara D.6312:

"D.63121	Benefiċċji soċjali oħra in natura pprovduti minn produtturi għas-suq
D.63122	Benefiċċji soċjali oħra in natura pprovduti minn produtturi mhux għas-suq"

(h) Fl-Anness IV, fi Klassifika ta' transazzjonijiet u ċaqliq ieħor – Transazzjonijiet distributtivi (D), sotto-titolu D.6 Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali, għandhom jiddaħħlu dawn in-notamenti wara D.6313:

"D.63131	Benefiċċji ta'assistenza soċjali oħra in natura pprovduti minn produtturi għas-suq
D.63132	Benefiċċji ta'assistenza soċjali oħra in natura pprovduti minn produtturi mhux għas-suq"

2. L-Anness B:

(a) Fit-tabella intitolata Ħarsa fil-qosor tat-tabelli, għandu jiddaħħal vers ġdid 3 (a) kif ġej:

"2001	3	97-00	Il-medji ewliena tal-gvern ġenerali	2"

(b) It-tieni tabella għandha tinbidel b'li ġej:

"Tabella 2 – Medji ewliena tal-gvern ġenerali

Regoli ta' konsolidazzjoni: it-transazzjonijiet D.41, D.7, D.92 u D.99 jiġu kkonsolidati. It-transazzjonijiet l-oħra ma jiġux ikkonsolidati.

Kodiċi	Lista ta' varjanti	Trasmissjoni fit-t + 3	Trasmissjoni fit-t + 8
P.1	Produzzjoni		X
P.11+P.12	— Produzzjoni għas-suq u produzzjoni għall-użu tagħha finali		X
P.13	— Produzzjoni oħra mhux għas-suq		X
P.131	— Pagamenti għall-produzzjoni oħra mhux għas-suq		X
P.132	— Other non-market output, other		X
P.11+P.12+P.131		X	
P.2	Konsum intermedjarju	X	X
B.1G	Valur aġġunt, gross		X
K.1	Konsum ta'kapital fiss		X
B.1N	Valur aġġunt, net		X
D.1P	Kumpens tal-impjegati, pagabbli	X	X
D.29P	Taxxi oħra fuq il-produzzjoni, pagabbli	X	X
D.39R	Sussidji oħra fuq il-produzzjoni, riċevabbli	X	X
B.2N	Surplus operattiv, nett		X
D.2R	Taxxi fuq produzzjoni u oġġetti importati, riċevabbli	X	X
D.4R	Dħul fuq propjeta,riċevabbli	X	X
D.3P	Sussidji, pagabbli	X	X
D.4P	Dħul fuq propjetà, pagabbli	X	X
D.41P	— Imgħax, pagabbli	X	X

Kodiċi	Lista ta' varjanti	Trasmissjoni fit-t + 3	Trasmissjoni fit-t + 8
D.42P + …D.45P	— Dħul ieħor fuq propjetà, pagabbli	X	X
B.5N	Bilanċ ta' dħul primarju, nett		X
D.5R	Taxi kurrenti fuq dħul, ġid, eċċ riċevabbli	X	X
D.61R	Kontribuzzjonijet soċjali attwali, riċevabbli	X	X
D.611R	— Kontribuzzjonijet soċjali attwali, riċevabbli	X	X
D.612	— Kontribuzzjonijet soċjali moħbija	X	X
D.7R	Trasferimenti kurrenti oħrajn, riċevabbli	X	X
D.5P	Taxxi kurrenti fuq dħul, ġid, eċċ pagabbili	X	X
D.62P	Benefiċċji soċjali li mhumiex trasferimenti soċjali in natura, pagabbli		X
D.6311P + D.63121P + D.63131P	Trasferimeni soċjali in natura relatati ma' l-ispiża fuq prodotti forniti lill-familji jgħixu taħt saqaf wieħed permezz ta'produtturi għas-suq		X
D.62P + D.6311P + D.63121P + D.63131P +	Produtturi	X	
D.7P	Trasferimenti kurrenti oħrajn, pagabbli	X	X
B.6N	Dħul li jintrema, nett		X
P.3	Spiża finali ta' konsum		X
P.31	— Spiża ndividwali ta' konsum		X
P.32	— Spiża kollettiva ta' konsum		X
D.8	Aġġustament għall-bdil fl-ekwita netta tal-familji li jgħixu taħt saqaf wieħed fir-riservi tal-fondi għal-pensjonijet	X	X
B.8G	Tifdil, gross	X	X
B.8N	Tifdil, nett		X
D.9R	Trasferimenti tal-kapitali, riċevabbli	X	X
D.91R	— Taxxi tal- kapitali, riċevabbli	X	X
D.92R + D.99R	— Għotjiet għall- investimenti u trasfermenti kapitali oħrajn, riċevabbli	X	X
D.9P	Trasferimenti tal- kapital, pagabbli	X	X

Kodiċi	Lista ta' varjanti	Trasmissjoni fit-t + 3	Trasmissjoni fit-t + 8
P.5	Formazzjoni ta' kapital gross		X
P.51	— Formazzjoni ta' kapital fiss gross	X	X
P.52 + P.53	— Kambjamenti fl-inventarji u fl-akkwisti mingħajr iċ-ċessjoni tal-oġġetti ta' valur		X
K.2	Akkwisti mingħajr id- iċ-ċessjoni tal-assi mhux finanzjarji u mhux prodotti		X
P.5 + K.2		X	
B.9	Self nett (+)/self nett(–)	X	X
TE	Nefqa tal-gvern ġenerali totali	X	X
TR	Dħul tal-gvern ġenerali totali	X	X

TE = P.2 + P.5 + D.1P + D.29P + D.3P + D.4P +D.5P + D.62P + D.6311P + D.63121P + D.63131P + D.7P + D.8P + D.9P + K.2
TR = P.11 + P.12 + P.131+ D.2R + D.39R + R.4R + D.5R + D.61R+ D.7R + D.9R"

(c) It-tabella 11 għandha tinbidel b'li ġej:

"Tabella 11 – Nefqa tal-gvern ġenerali skond il-funzjoni tagħha

	Formazzjoni ta' kapital gross + akkwiżizzjonijet mingħajr disposalċessjonis ta' assi mhux finanzjarji u mhux prodotti	Kumpens lill-impjegati	sussisidji	Dħul fuq propjetà	Benefiċċji soċjali u trasferimenti soċjali foġġetti għall-prodotti forniti lill-familji li jgħixu taħt saqaf wieħed permezz ta' produtturi għas-suq	Konsum intermedjarju + taxxi oħrajn fuq produzzjoni + taxi kurrenti fuq dħul, ġid eċċ + aġġustament għall-bdil fl-ekwità netta tal-familji li jgħixu taħt saqaf wieħed f'riservi ta' fondi ta' pensjonijiet	Other current transfers	Capital transfers	Nfiq Ġenerali tal-gvern Totali ([2])	Għall-informazzjoni: Nfiq għall-konsum finali
Kodiċi ESA 95	P.5 + K.2	D.1	D.3	D.4	D.62 + D.6311 + D.63121 + D.63131	P.2 + D.29 + D.5 + D.8	D.7	D.9		P.3
COFOG ([1])				Konsolidat			Konsolidat	Konsolidat		
Servizzi pubbliċi ġenerali										
Difiża										
L-ordni pubblika u s-sigurtà										
Affarijiet ekonomiċi										
Protezzjoni tal-ambjent										
Akkomodazzjoni u saħħa										
Rekreazzjoni, kultura u reliġjon										
Edukazzjoni										
Ħarsien soċjali										
Totali ([2])										

([1]) verżjoni tal-1999

([2]) Totali skond it-transizzjoni, fejn applikabbli, u Total (nefqa tal-gvern ġenerali) TE hija konsistenti ma' Tabella 2."

(d) F' "Derogi li għandhom x'jaqsmu mat-tabelli li għandhom jiġu forniti fil-qafas tal-kwestjonarju ESA 95 skond il-pajjiż, punt 7.1 (L-IRLANDA – Derogi għat-tabelli)" għandu jiddaħħal vers ġdid 6 (a) kif ġej:

Vers gdid 6(a) għandu jiddaħħal kif gej:

"2	Il-medji ewliena tal-gvern ġenerali	Trasmissjoni fit-t + 3	Sal-2002"

(e) F' "Derogi li għandhom x'jaqsmu mat-tabelli li għandhom jiġu forniti fil-qafas tal-kwestjonarju ESA 95 skond il-pajjiż, punt 10.1 (L-OLANDA – Derogi għat-tabelli)" għandu jiddaħħal vers ġdid 6 (a) kif ġej:

Vers gdid 6(a) għandu jiddaħħal kif gej:

"2	Il-medji ewliena tal-gvern ġenerali	Trasmissjoni fit-t + 3	Sal-2003"